# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU SITTA

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju, 2002 fl-4.15pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier (4.50pm) |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

## AĠENDA

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Proġett - Yacht Marina.
4) Rakkomandazzjoni tax-Xogħlijiet.
5) Vakanza ta' Sotto Kumitat.
6) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

## 6 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

Ġew approvati l-Minuti tar-Raba' u tal-Ħames laqgħa tal-Kunsill.

6.1.1 Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, ġew approvati l-Minuti tar-raba' laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2002.

6.1.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop ġew approvati l-Minuti tal-Ħames laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju, 2002.

## 6(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.

*6.(2).1 Jum il-Kottonera ( 13/06/2002)*

Is-Sindku attenda laqgħa fil-Kunsill Lokali Birgu fejn kienu mistiedna s-soċjetajiet kollha fil-Kottonera sabiex jinħatar Kumitat tat-Tmexxija dwar Jum il-Kottonera. Dan il-Kumitat ma' ġiex maħtur minħabba nuqqas ta' attendenza.

*6.(2).2 Laqgħat mal-Ministri (14 / 06 / 2002)*

Saret talba lill-Viċi Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi u lill-Ministru Francis Zammit Dimech biex il-Kunsill Lokali jiltaqa' magħhom dwar talbiet relevanti mall-Ministeri tagħhom.

Il-Ministru Francis Zammit Dimech ser iżur il-lokal nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju 2002 fid-9.30am fil-Kunsill. Filwaqt li Dr. Gonzi infurmana li serjjer jiltaqa' mal-Kunsill aktar tard.

*6(2).3 Kors Bażiku - Appoġġ (19 / 07 / 02)*

Is-Sotto Kumitat Ħidma u Inizjattiva Soċjali kien mistieden għal preżentazzjoni ta' ċertifikati għal dawk li attendew Kors Bażiku fejn il-parteċipanti kollha kienu mill-Isla. Din lċ-ċerimonja saret fiċ-Ċentru ta' l-Appoġġ fil-Fortini l-Birgu.

*6(2).4 Laqgħa mas-Supretendent tad-Distrett (19/06/2002)*

Wara nofsinhar saret laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija Lawrence Cutajar. F'din il-laqgħa ġew diskussi dawn il-punti :

Egħluq tax-Xatt fis-Sajf
Ix-Shelters fl-Isla u t-trobbija tal-klieb fihom
Patrol mill-pulizija aktar spissi fl-Isla minħabba abbuż u teħid ta' droga fil-lokal.

*Nota : Il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għal-laqgħa tal-Kunsill fil-4.50pm.*

*6.(2).5 Xogħol ta' Tarmac - Dawret Ix-Xatt ( 20 / 06 / 2002)*

Is-Sindku Joseph Casha kellu kuntatti mal-Perit Lino Zammit id-Direttur tad-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi dwar twittija u kisja ta' tarmac f'dawret ix-Xatt u l-Bwejba.
B'riżultat ta' dan is-Sindku ltaqa' mal-perit Demicoli biex tara x'jitlob dan ix-xogħol.

*6(2).6 Kumitat Konġunt ( 27 / 06 / 2002)*

Din il-laqgħa li attenda għaliha s-Sindku Joseph Casha ġie diskuss il-clamping u towing areas fil-lokaitajiet diversi, ingħata rapport tas-sitwazzjoni finanzjarja għal April / Marzu 2002 (Rappor Meħmuż).

Is-Sindku Joseph Casha ressaq l-ilmenti tal-Kunsill dwar is-servizzi tal-wardens fl-Isla u dwar kif qed issir ir-ronda fil-lokal.

*6(2).7 Street Lighting Devolution ( 28 / 06 / 2002)*

Il-Viċl Sindku Walter Ahar attenda għal din il-laqgħa fejn ġie diskuss l-andament ta' din id-devoluzzjoni.

*6(2).8 Xogħol bil-lejl fit-Tarzna*

Il-Kunsill qed jirċievi diversi lmenti mir-residenti fi Triq is-Sur dwar storbju matul il-lejl li qed isir fit-Tarzna.

Minkejja d-diversi interventi mis-Sindku Joseph Casha mas-Sur Laiviera fit-Tarzna ta' Malta dan l-inkonvenjent baqa' sejjer.

Għalhekk il-Kunsill qabel li jibgħat ittra uffiċjali liċ-Chairman tat-Tarzna ta' Malta fejn jipprotesta dwar dan l-aġir u ilmenti oħra kkawżati min-naħa tat-Tarzna.

*6.(2).9 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-8 u t-28 ta' Ġunju 2002 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1057/02/I Talba biex titkabbar Reserved Parking (Kopja mehmuża)*

Dan ir-reserved parking qiegħed quddiem graxx numru 22 fi Triq San Ġużepp.

Il-Kunsill sejjer jagħmel spezzjoni fuq il-post biex jara kif dan jaffetwa fuq il-ħruġ tal-karozza mill-garaxx.

*04/1091/02/I Dawret Ix-Xatt*

It-talba tal-Kunsill biex il-Ministeru tat-Turiżmu jgħin finanzjarjament biex Dawret Ix-Xatt issir bit-tarmac, ġiet rifjutata minħabba nuqqas ta' fondi (Kopja mehmuża).

*04/1105/02/I Uffiċċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru*

Id-Dipartiment ta' l-Artijiet informa lill-Kunsill biex fi żmien għaxart'ijiem (10) il-Kunsill jikkonsenja ċ-ċwievet ta' dan il-fond lid-Dipartiment.

Il-Kunsill ma' qabilx li jagħmel dan qabel jiġl assigurat li sejjer jitkompla jinżamm dan il-post għall-fini ta' pubbliku u e-government.

*04/1106/02/I Ġnien fi Triq il-Ħabs l-Antik*

Fuq parir tal-Perit Mariello Spiteri, l-Kunsill qed jaqbel li għandha tiġi pjanta No. 2 li hija aktar adattata mal-pjanta oriġinali.

*04/1109/02/I* *Talba għal Ħlasijiet mill-Works Division*

Il-Kunsill għadhu jsostni l-pożizzjoni tiegħu li jħallas biss għal dak ix-xogħol li sar.

*04/1129/02/I* *Talba għal Tiswija tal-Gardjola*

Il-Kunsill laqa t-talba tal-Kumitat Sezzjonali tal-PN biex isir tiswija fuq il-Gardjola u l-blat ta' taħtha. Il-Kunsill ser jagħmel ħiltu biex Iġib il-fondi għal dan ix-xogħol.

*04/1125/02/I* *Ħsara fi sprall fi Triq il-Kurċifiss*

Il-Kunsill ser jifli xi spejjeż hemm involuti għal tibdil ta' sprall li sofra ħsara minħabba li qed jitilgħu l-karozzi. Hemm spralli oħra nvoluti.

*04/1135/02/I* *Devoluzzjoni Sala San Mikiel*

Il-Kunsill bi ħseibhu jinforma lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar l-aħħar żviluppi li kellu mat-Tarzna.

*04/1118/02/I* *Rapport ta' Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali*

Il-Kunsill irċieva r-rapport ta' effiċjenza tal-Kunsill Lokali ta' l-Isla għall-perjodu minn Awissu sa Novembru 2001.

*04/1143/02/I* *Talba għal Loading / Unloading Bay*

Il-Kunsill ma' jistgħax jilqa t-talba għal loading / unloading bay personalizzat bejn it-8.30am u n-12.30pm fi Triq Iż-Żewġ Mini ħdejn il-Berġa. Dan minħabba nuqqas ta' spazju u tfixkil li jista jinħoloq fit-traffiku li jgħaddi minn din il-parti.

*04/1127/02/I* *Sit fi Triq is-Sur k/m Triq Sant'Anġlu*

Il-Kunsill għandhu jinforma lid-Dipartiment b'dak li sar fuq din l-Art li ġiet embellished mill-Kunsill minħabba li kienet qed tkun użata bħala rubbish dump.

*04/1201/02/I* *Laqgħa għall-Kommunita' Kummerċjali*

Il-Kunsill laqa' t-talba biex s-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo biex jiltaqa' mal-businessmen fl-uffiċju tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2002 fis-2.00pm. Din il-laqgħa ser titratta l-Liġi tal-permessi.

*04/1209/02/I* *Ġemellaġġ mal-Belt ta' Cassino*

Il-Kunsill għandhu jikteb uffiċjalment lil Comune ta' Cassino biex jitkomplew il-preparamenti għal dan il-ġemellaġġ.

Il-Kunsill qed jipproponi li uffiċjali tal-Comune ta' Cassino jkunu mistiedna għal taditiet f'Malta bejn l-4 u d-9 ta' Settembru 2002.

L-iffirmar tal-ftehim ikun jista' jsir aktar tard fil-Belt ta' Cassino.

*04/1211/02/I* *Talba minn Caritas Malta*

Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada l-Kunsill approva t-talba għal Lm150 lill-Caritas għal attivita' speċifika fil-volontarjat.

Din l-attivita ser issir mill-Kummissjoni tal-Volontarjat fi ħdan il-Caritas fejn lż-żgħażagħ ser imorru fid-Dar ta' l-Anzjani Sant'Anna fl-Ilsa fejn dawn joqgħodu magħhom għal erbat'ijiem biex joħolqu kuntatt ta' ħbiberija bejn l-anzjani u ż-żgħażagħ.

*04/1218/02/I* *Monitoring ta' l-arja*

Il-Kunsill aċċetta t-talba ta' l-Universita' ta' Malta biex id-Dipartiment tal-Kimika jkun jista' juża l-uffiċċju tal-Kunsill ħalli jsir monitoring ta' l-arja f'dan il-lokal.

*04/1219/02/I* *Librerija Pubblika ġewwa l-Isla*

Din hija kopja ta' ittra li d-Direttur tal-Libreriji u Arkivji bagħat lid-Direttur ta' l-Artijiet bħala appoġġ għat-talba tal-Kunsill biex l-uffiċċju f'Misraħ 4 ta' Settembru jinżamm għal raġunijiet ta' Librerija Pubblika.

## 6(3) Proġett - Yacht Marina

Saret laqgħa nhar il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2002 bejn il-Kunsill u l-Consortium li qed imexxi l-Yacht Marina fil-menqa bejn l-Isla u l-Birgu.

6.(3).1 Skond din il-laqgħa dan il-Consortium Cottonera Waterfont Group mhux interessati li jiżviluppaw ix-Xatt ta' l-Isla bil-yachts. Jidher li l-Iżvilupp tal-Yacht Marina ser isir kollu fuq in-naħa tal-Birgu.

6.(3).2 Minn din il-laqgħa ħareġ ċar li dan il-Consortium qed jilqa l-oppożizzjoni tal-Kunsill li ssir Refueling Station fuq in-naħa ta' l-Isla. Jidher ukoll li l-Boat Club mhux sejjer isir. Għaldaqstant ix-Xatt ta' l-Isla ser jibqa' bla mittiefes.

6.(3).3 Min-naħa tagħhom ir-rappreżentanti tal-Consortium talbu lill-Kunsill biex jinfurmahom uffiċjalment li mhux qed jaqbel li x-Xatt ta' l-Isla jiġi mittiefes anzi għandhu jibqa kollox kif inhu għaliex kif kien propost li jsir kien sejjer iħassar l-ambjent naturali tax-Xatt.

6.(3).4 Il-Kunsill issuġġerixxa li jsiru laqgħat oħra qabel tittieħed deċiżjoni finali, fosthom ma' l-Għaqda Sjjieda Dilettanti u Barklori, ma' l-Onor. Francis Zammit Dimech u anke laqgħa pubblika.

6.(3).5 Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir fil-Kunsill u minbarra l-Kunsill u rappreżentanti mill-Consortium ikunu mistiedna rappreżentanti ta' l-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori.

## 6 (4) Rakkomandazzjoni ta' Xogħlijiet fl-Isla.

Il-Kunsill issuġġerixxa dawn ix-xogħlijiet :

6.(4).1 Gradi tal-ħadid galvanizżat fix-Xatt mal-baħar bħala sigurta'. Huwa stmat li hemm bżonn madwar 12 il-waħda. Alternattiva oħra hija li dan ix-xogħol jinħadem bin-nies tax-Shipbuilding. Ser isir aktar stħarriġ dwar dan.

6.(4).2 *04/1214/02/I* Żbir ta' Siġar

Il-Kunsill qabel li ż-żbir tas-siġar fil-lokal kollu jsir mill-Kumpanija F. Zammit Nurseries għas-somma ta' Lm400 + VAT paragunata mat-talba tad-Dipartiment ta' l-Agrikultura li kienet tammonta għal Lm 1020 VAT inkluż.

6.(4).3 Il-Kunsill qabel li jsir fustun tad-dawl tul ix-Xatt.

6.(4).4 Il-Kunsill qabel li jsiru żewġ slielem għall-baħar fix-Xatt. Dawn huma bżonnjużi għaliex dak li hemm jinsab fi stat ħażin. Dan ix-xogħol huwa stmat li jiġi jiswa Lm70.

## 6 (5) Ilmenti

Il-Kunsill kien ippreżentat bil-lista ta' l-ilmenti riċevuti bejn l-20 ta' Mejju u l-1 ta' Lulju 2002.

| | | |
|---|---|---|
| 22/05/02 | John Baptist Ellul | Drenaġġ fil-kantina<br>**Ser isir kuntatt mas-Sur Toni Bezzina** |
| 03/06/02 | Anonimu | Bozoz tal-Madonna tan-nofs mitfijin (4th Sept. Sqr)<br>**Ser isir rapport lil Korp. Enemalta peress li hemm il-wire tan-neutral maqtugħ.** |

| | | |
|---|---|---|
| 05/06/02 | J. Casha-Sindku | Parking ta' karozzi fi Triq 31 ta' Marzu, Isla<br>**Ser isiru linji sofor matul it-triq kollha**. |
| 19/06/02 | Joe Blackman | Talba biex issir karozza tal-linja għall-Isptar San Luqa darba filgħodu.<br>**Ser tinkiteb ittra lill-Awtorita għat-Trasport Pubbliku b'din it-talba u ser tintalab laqgħa mad-Direttur ta' l-istess Awtorita.** |
| 01/07/02 | Anonimu | Karozzi mgħottija u pparkjata fi Triq San Franġisk ilha hemm tlett xhur mingħajr ħadd ma' ċaqlaqha.<br>**Il-Viċi Sindku Walter Ahar ser jiċċekja ta' min hi.**<br>**Din il-karozza tneħħiet.** |

## 6 (6) Vakanza ta' Sotto Kumitat

Is-Sindku ħatar Iċ-Chairman ta' dawk is-Sotto Kumitati li kienu ġew vakanti bir-riżenja minnhom tal-Kunsillier Charmaine Gerada.

6.(6).1 Sotto Kumitat Edukazzjoni Kommunikazzjoni u Informatika

Is-Sindku ħatar lis-Sinjura Anna Spiteri (is-Sindku Joe Casha ser ikun ex ufficcio fuq dan is-Sotto Kumitat).

*6.(6).2 Sotto Kumitat Korporazzjonijiet Governattivi u Wirt Storiku*

Is-Sindku ħatar lill-Viċl Sindku Walter Ahar bħala chairperson ta' dan is-Sotto Kumitat.

6.(6).3 Is-Sindku qal li jekk il-Kunsillier Charmaine Gerada terġa turi x-xewqa li jkollha t-tmexxija tas-Sotto Kumitati li kellha, hija għandha tikteb lill-Kunsill fejn tesprimi l-ħsibijiet tagħha.

## 6 (7) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

6.(7).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 5, 463.24 mill-fond ġenerali tal-kunsill.

6.(7).2 Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar il-Kunsill approva li jsir il-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 723.40 mill-fond ta' l-attivitajiet.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-7.20pm b'dan l-item fuq l-agenda.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________

---

| ______________________ | ______________________ |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |